MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tad-9 ta' Awwissu, 2007

Appell Kriminali Numru. 141/2007

Il-Pulizija
(Spt. A. Miruzzi)
Vs
Godwin Zahra

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli :

1. fit-12 t’April, 2001, mal-wasla tieghu fil-mitjar Internazzjonali ta’ Malta mat-titjira KM711 mill-Kajr, Egittu, xjentement naqas li jiddikjara lill-Ufficjali tad-Dwana, billi ghadda mill-“Green Channel” bi tlettax (13) il-glud ta’ tjur li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta.

| **<u>KWANTITA’</u>** | **<u>ISEM KOMUNI</u>** | **<u>ISEM XJENTIFIKU</u>** |
|---|---|---|

1 Yellow-billed stock Mycteria Ibis
4 Long-legged buzzard Buteo rufinus
1 Steppe eagle Aquila nipalensis
1 Tawny Eagle Aquilina rapax
1 Spotted eagle owl Bubo africanus
2 Whiskered tern Chlidonias Hybridus
3 Griffon vulture Gyps fulvus

Dawn ghandhom il-valur ta’ LM650,000, dazju xejn, valur totali ta’ LM650,000 u li fuqhom kellha tithallas taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema taxxa tammonta ghal LM97.50,0, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 60 (a)(b)(c)(k), l-Artikolu 62 (a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) ta’ l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37, kif ukoll A.L. 44/1982, u l-Artikolu 80 ta’ l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att nru. XXIII-1998);
2. fl-istess data, hin, post u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu xi ghasfur, haj jew mejjet, jew parti minn xi ghasfur, jekk ma jkunx xi ghasfur inkluz fl-Iskedi I, II jew III li jinsabu mar-Regolamenti ta’ l-1993 dwar il-Harsien ta’ l-Ghasafar u l-Fenek Selvagg A.L. 146/93, kemm-il darba ma jippruvax li dak l-ghasfur, jew parti minnu, kien importat b’mod legittimu jew li kien imrobbi fil-maqful jew li kien registrat mad-Dipartiment skond il-paragrafu (5) tar-Regolamenti 17 ta’ dawn ir-Regolamenti, u aktar talli fl-istess data, hin, post u cirkostanzi importa jew garr jew kellu fil-pussess tieghu xi ghasfur haj jew mejjet, jew parti ta’ xi ghasfur li ma huwiex imsemmi fl-Iskedi I, II jew III tar-Regolamenti ta’ l-1993 dwar il-Harsien ta’ l-Ghasafar u l-Fenek Selvagg A.L. 146/93, kemm-il darba ma jippruvax li dak l-ghasfur kien importat b’mod legittimu jew li kien imrobbi fil-maghluq, u aktar talli fl-istess data, hin, post u cirkostanzi, importa ghasafar, hajjin jew mejtin, jew partijiet minnhom, meta ma humiex imrobbija fil-maghluq fil-pajjiz minn fejn ikunu originaw (Yemen), u huma protetti

fil-pajjiz ta’ l-origini taghhom, u li l-esportazzjoni taghhom mill-pajjiz minn fejn gew esportati kienet wahda mhux awtorizzata w dan bi ksur ta’ A.L. 146/1993 Artikolu 12 (1)(2)(3);
3. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr ma kellu fil-pussess tieghu kull permess, certifikat u licenzja li jkollhom x’jaqsmu mal-importazzjoni ta’ dak l-ezemplari, importa l-istess speci li hija protetta fil-pajjiz mnejn originat, minghajr licenzja ta’ esportazzjoni, importa l-istess speci mhux kif titlob il-Konvenzjoni dwar il-Kummerc fi Speci Mhedda ta’ Fawna w Flora Selvagg, naqas li jzomm kull licenzja, permess jew certifikat sakemm dawk l-ispeci kienu taht il-kontroll tieghu u dan bi ksur ta’ A.L. 19/1992 Art 6(1)(2), 7(3) u 8.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-22 ta’ Marzu, 2007 li biha, wara li rat l-artikoli 60(a)(b)(c)(k), 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) ta’ l-Ordinanza tad-Dwana, Kap 37 kif ukoll l-Avviz Legali 44/1982 u l-Artikolu 80 ta’ l-Att dwar it-Taxxa tal-Valur Mizjud u l-provvedimenti ta’ l-Avviz Legali 146/93 u l-Avviz Legali 19/92, sabet lill-appellant hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti u kkundannatu ghal multa ta’ hames mija w tnejn u erbghin lira Maltija (LM542) li minnhom l-ammont ta’ mija w wiehed u tmenin lira Maltija (LM181) ghandu jigi kkunsidrat dejn civili. Ghal fini tal-provedimenti tal-Avviz Legali 146/93 kif murija fit-tieni akkuza illi tieghu instab hati, l-Qorti kkundannat lill-appellanti ghal multa ta’ hames mitt lira Maltija (LM500) u ghal fini tat-tielet imputazzjoni fil-ksur ta’ l-avviz legali 19/92 wara li qieset l-ammont ta’ glud illi l-appellant ipprova jdahhal Malta kkundannatu ghal multa ta’ elf u hames mitt lira Maltija (LM1500). B’kollox ghalhekk multa ta’ elfejn, hames mija, tnejn u erbghin lira Maltija (LM2542) u ordnat il-konfiska tal-glud safejn dawn ghadhom jezistu.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 t’April, 2007, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata billi tilliberah mill-akkuzi kollha li taghhom il-Qorti sabitu hati u fin-nuqqas tapplika pieni ferm anqas harxa minn dik ta’ l-Ewwel Qorti.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma, fil-qosor, is-segwenti w cioe' :-

*1.* Li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti meta ma qaghdietx fuq xhieda testwali nkluza dik tal-appellant u strahet aktar fuq argumentazzjoni tal-istess Qorti illi nonostante li l-appellant gie indirizzat biex jghaddi mill-*green channel*, donnu riedet tghid li ghalkemm l-appellant , wara li kien fil-*green channel* u ghaddewlu l-basket li kellu mill-*X-Ray machine* li ma indika xejn kuntrarju, xorta fuq domanda ta' l-ufficjal tad-Dwana iddikjara l-glud u l-ghasafar, il-Qorti argumentat mod iehor u sabitu hati tal-importazzjoni minghajr dikjarazzjoni tad-Dwana u dan ghax deherila li *"ma kellux jistenna lill-ufficjal tad-Dwana jissuggerixxi jew isaqasieh x' kien qed igorr mieghu!"*

2. Li fl-ebda mumnt ma jirrizulta li l-appellant ipprova jimporta minghajr il-kunsens ta' l-awtoritajiet tad-Dwana tant li saret id-dikjarazzjoni tal-glud tat-tjur u tjur fil-*green channel* ghax hekk gie imgieghel jghaddi bhall-passiggieri ohrajn u dan peress li jidher li r-*red channel* ma kienx hemm ufficjali go fih u allura ma seta' qatt jinstab hati li kiser l-Ordinanza tad-Dwana.

3. Li l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tasal ghall-valutazzjoni meta ma kienx hemm kontroll dwar dan ghaliex il-glud tat-tjur soggetti ghal din il-procedura qatt ma dehru fil-Qorti, w, aktar u aktar, jidhru li nsterqu minn taht il-kustodja ta' l-awtoritajiet b' mod l-d-difiza ma setghetx tikkontrolla tali valutazzjoni astronomika.

4. Li l-artikolu 80 ta' l-Att fuq it-Taxxa tal-Valur Mizjud ma kienx applikabbli ghal dan il-kaz.

5. Li l-ewwel Qorti imkien fis-sentenza appellata ma ghamlet riferenza ghall-fatt sollevat mid-difiza li l-artikolu [recte: regolament] 12 ta' l-Avviz Legali 146/1993 u in partikolari tal-paragrafu 3 li jaghmilha cara li l-glud tat-tjur u tjur setghu jigu importati kemm il-darba mill-pajjiz tal-origini, l-Yemen, kienet wahda awtorizzata li johorgu b' mod legali.

6. Li l-Ewwel Qorti applikat il-massimu fit-tieni, r-raba , il-hames u s-sitt imputazzjoni u l-massmu wkollu fit-tielet akkuza w lanqas applikat il-principju tal-konkors tal-pieni meta l-istess imputazzjonijiet huma komprizi w involuti w jitkellmu fuq l-istess cirkostanzi ta' importazzjoni u/jew pussess  u ghalhekk ma kellhiex tapplika multi separati u fil-massimu taghhom individwalment.
7. Li l-oggetti suggett ta' din il-procedura qatt ma dehru u l-Ewwel Qorti qatt ma kellha kontroll fuqhom u d-difiza qatt ma setghet taghmel l-ebda valutazzjoni indipendenti ghall-fini tal-kontroll ta' dak li xehed l-ufficjal tad-dwana w dawn sparixxew u ghalhekk ma setghgux iwasslu biex l-appellant iwiegeb l-akkuzi w tinstab htija.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat il-verbal li bih il-prosekuzzjoni qablet  li s-sentenza fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Francis Camilleri et"[**14.5.2007] tapplika ghal dan il-kaz kif issottomettiet id-difiza w li jekk ma kienetx tapplika l-ligi tad-Dwana lanqas tkun applikabbli l-ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel zewg aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti. Issa gie dejjem ritenut  li din il-Qorti, bhala Qorti ta’ revizjoni, ma tiddisturbax leggerment il-konkluzzjoni ta’ l-Ewwel Qorti dwar apprezzament ta’ fatt  izda taghmel ezami approfondit tal-provi biex tara jekk fuq il-fatti rizultanti lill-Ewwel Qorti, din setghetx legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha b’mod *“safe u satisfactory”.*

Kif gie ritenut minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **“R. vs. Cooper”** [1969] 1 QB 276:-

*"Assuming that there was no specific error in the conduct of a trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case , with the conclusion of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witness, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone .."* (Ara ukoll Blackstone's Criminal Practice (1991) , p.1392)

Ikkonsidrat;

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa il-provi kollha dwar x' gara ezatt meta l-appellant kien wasal biex jghaddi minn hdejn ic-checks tad-Dwana fl-ajruport internazzjonali ta' Hal Luqa fit-12 t' April, 2001. Mill-provi jirrizulta li mhux minnu li l-ufficjali tad-Dwana indirizzaw lill-appellant biex jghaddi mill-*green channel* imma kienu qed jindikaw min mill-passiggieri li kienu ghaddejjin kellhom jghaddu il-bagalji mill-iscanner. L-appellant fl-istqarrija tieghu stqarr li hu informa lill-ufficjali tad-Dwana bil-glud tat-tjur li kellu meta rahom li ser jifthu l-bagalji w mhux qabel, u cioe' ddikjara biss meta ra li kien inevitabbli li jaghmel dan.

Di fatti **Saviour Buhagiar** xehed li hija ghazla tal-passiggier illi jaghzel ic-channel minn fejn jghaddi jew green jew red , pero' jghaddi minn fejn jghaddi, xorta ser isib ufficjali tad-Dwana. L-imputat u ohrajn kienu ghaddejjin mill-green channel dak il-hin li huma bdew jiscanjaw il-bagalji. Il-basktijiet li scannjaw kienu tlieta u kien hemm wiehed hand luggage. Li seta' jara kien li go basket minnhom kien hemm xi glud ta' ghasafar u zewg ghasafar li kienu ghadhom hajjin. L-ohrajn kienu forma ta' pakketti imma dehru li kienu ghasafar.  Kien <u>wara</u> illi fethu l-bagalji u raw il-pakketti li l-imputat u ohrajn qalulhom li dawk kienu ghasafar (fol. 24).

**Neville Cesareo** xehed li hu kien fuq l-X-Ray Machine u qed jara l-passiggieri dehlin . Wara xi hin is-superjur tieghu Carmel Attard irreferielu erba passiggieri li kienu ghadhom kif ghaddew mill-green channel . Waqt li qed jiscanja l-bagalji ta' dawn in-nies induna li kien hemm xi

items li kienu identici f' kull bagalja u lki ma setax jagharaf Ghalhekk irrifera l-bagalji lill-kollegi tieghu biex jifthuhom u jaraw x' kien fihom. Staqsew lil-passiggieri x' kienu dawn u dawn qalulhom li kienu glud tal-ghasafar. Cahad dak li gie suggerit lilu fil-kontro-ezami li imputat iehor Mario Ellul kien qal mill-ewwel li dak li kien hemm gewwa l-hold all kienu kokki . Kien biss fl-ahhar li qal x; kellu  u wara li kienu gja fethu l-bagalji kollha u wara li l-kollega tieghu dahhal idu fil-hold all u hass xi haga ticcaqalaq (fols. 43 u 44).

Il-Fizzjal tad-Dwana **Carmel Attard** xehed li fit-12 vt' April, 2001, meta dahlet it-tirjira KM711 mill-Kajr , il-passiggieri bdew jghaddu mill-green channel . Hu waqqafhom kollha u ghaddihom biex jghaddu l-bagalji mill-X-Ray Machine . Waqt li kienu ghaddejjin il-bagalji instabu diversi tjur fil-bagalji talimputat u ohrajn, glud imkebbin f' garbage bags suwed u zewgt itjur li kienu hajjin (fol. 13 u 14).

**Stanley Gatt** , li kien gie nominat bhala espert tal-Qorti u esebixxa r-relazzjoni tieghu ST 1 , xehed illi fit-12 t' April, 2001, hu kien acceda fl-ajruport internazzjonali ta' Hal Luqa u hemm kien kellem lill-appellant u lil ko-imputati l-ohra. Staqsiehom jekk kienux huma li li kienu ppakkjaw il-glud fil-kontenituri taghhom u rrispondew fl-affermattiv. Staqsiehom jekk kellhomx xi dokumentazzjoni biex jiggustifikaw l-importazzjoni tal-glud u rrispondew fin-negattiv. Esebixxa listi differenti tal-glud li kienu qed jingarru mill-appellant u minn kull iehed mit-tlitt ko-imputati l-ohra (Dok. SG). Kull wiehed mill-imputati identifika l-basgalja tieghu. Ebda wahda mill-ezemplari ma huma imnizzla fl-iskeda 1,2 u 3 ta' l-Avviz Legali 146 tal-1993 . Huma kollha protetti fil-pajjiz tal-origini taghhom, igifieri il-Yemen u xi uhud minnhom huma ukoll protetti skond l-Avviz Legali 19 ta' l-1992. Ma gietx prodotta dokumentazzjoni ghall-awtorizzar ta' l-esportazzjoni mill-Yemen ghall-Malta.

Ix-xhud esebixxa ittra miktuba minnu, bhala Environment Inspector lill-Environment Protection Council tal-Yemen (Dok ST4)  datata 26 ta' Gunju, 2001 fejn maghha giet annessa lista tal-ghasafar li nqabdu minnghand l-

appellant kif ukoll minnghand ko-imputati ohra, fl-ajruport. Giet esebita r-risposta ghal din l-ittra (Dok.ST5) li inter alia kienet tghid testwalment hekk :-

*"With reference to our earlier correspondence dated June 26, 2001, we would like to declare that the Yemeni law is prohibiting the exploration and exportation of any species of wildlife and this includes birds. Only in few cases where a specimen is required for scientific purposes then a special permit for it could be granted from the concerned authorities in Yemen . However all species indicated in our (Sic!) of June 26, are protected under the Yemeni law."* (sottolinear ta' din il-Qorti)

Din l-ittra ggib id-data tat-12 t' Awwissu, 2001 u hija iffirmata minn Dr. Mohammed S. El-Mashjari , Chairman tal-Environment Protection Authority fil-Ministry of Tourism and Environment tar-Republic of Yemen.

Fl-istqarrija tieghu, l-appellant mistoqsi jekk kienx informa lill-Ufficjali tad-Dwana jew tal-Immigrazzjoni li kellu dawn it-tjur, wiegeb : ***"Le. Pero' meta rajthom ser jifthu l-bagalji, ghidilthom."*** (fol. 31) ammetta li li t-tlettax il-tajra li kellu fil-bagalja kienu tieghu , u qal li kien hemm xi ohrajn li kienu ghand shabu w li ma jafx innmru taghhom, Qal li ma kllux permess biex idahhalhom pero' jaf li kellu bzonn permess biex jimporta dan l-t-tajr (Fol. 30 sa 33).

Fix-xhieda tieghu quddiem l-Ewwel Qorti (fols. 87 et seq.) l-appellant qal li meta wasal Malta hu kien l-ahhar wiehed minn shabu li nizel mll-ajruplan u meta ra illi l-ufficjali tad-dwana jindirizzawhom biex jghaddu mill-green channel hu ghadda ukoll. Mta kien f' dak ic-channet hu qal lil tad-Dwana li hu kellu xi glud . Pero' hu kkonferma l-istqarrijatieghu fejn kif fuq intqal ta' versjoni kemmxejn differenti ta' kif wasal biex iddikjara x' kellu.

F' dan l-istat tal-provi l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li legament u ragjonevoment tikkonkjludi li l-appellant ma kienx iddikjara il-glud tat-tjur li kellu fil-bagalji tieghu w ta' shabu, hlief meta kien inevitabbli li jaghmel dan wara li bdew jinfethu l-bagalji meta l-scanner indika li kien hemm

oggetti suspettuzi gol-bagalji. Ghalhekk l-ewwel zewg imputazzjonijiet jirrizultaw pruvati sodisfacentement u din il-Qorti ma tarax li ghandha x' ticensura fl-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti fir-rigward.

Ikkonsidrat;

Illi dwar it-tielet u s-seba' aggravji - li fis-sustanza huma l-istess - u li jikkoncernaw l-istimi tat-tjur in kwistjoni, din il-Qorti osservat li fl-udjenza tal-5 ta' Frar, 2004, quddiem l-Ewwel Qorti, gie verbalizzat li Joseph Borg kien esebixxa formalment it-tjur mertu tal-kawza, hlief ghal tnejn minnhom li kienu impurtati hajjin u ghalhekk intbaghtu ghall-kwarantina u ma kienux fil-pussess tad-Dwana. Dak in-nhar id-difiza ma insistietx li dawn jigu esebiti fizikament u materjalment quddiem l-Ewwel Qorti. Mhux biss, imma meta l-prosekuzzjoni talbet awtorizzazzjoni sabiex tiddistruggi l-glud tat-tjur in kwistjoni peress li kien ilhom zmien fil-friza w setghu jkunu ta' perikolu ghas-sahha tal-bniedem, id-difiza rrimettiet ruha. Ghalhekk issa l-appellant ma jistax jilmenta li ma setax jikkontrolla l-istima tal-espert tal-Qorti meta hu stess ma nsistiex ghall-esebizzjoni fizika tat-tjur u addirittura irrimetta ruhu ghat-talba ghad-distruzzjoni taghhom.

Inoltre l-Ewwel Qorti kienet innominat espert tal-Qorti biex jistma l-imsemmi glud u tjur fil-persuna ta' Joseph Sultana li kellu esperjenza kbira f' dan il-qasam. Dax-xhud esebixxa r-relazzjoni tieghu (fol. 22) w ikkonferma li l-istimi tal-prosekuzzjoni kienu gusti w ekwi, anzi zied jghid li f' certi ezemplari jidhirlu li dawk huma prezzijiet anqas minn dawk tas-suq.  Dan l-espert kien gie ukoll kontroezaminat mid-difiza.

Illi fis-sistema legali taghna l-esperti jkunu tal-Qorti w ma hemmx lok ghal stimi minn esperti indipendenti, kif donnha qed tippretendi d-difiza. L-Ewwel Qorti jidher li strahet fuq l-istima kif konfermata mill-espert tal-Qorti Sultana u din il-Qorti ma ghandha ebda raguni ghaliex ghandha tqis xort' ohra. Ghalhekk dawn iz-zewg aggravji jidhru manifestament infondati u qed jigu respinti.

Illi r-raba' aggravju ukoll jidher infondat ghaliex ma hemmx dubju li l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kien applikabbli ghall-importazzjoni gewwa Malta ta' dawn it-tjur mill-appellant.

Illi ghar-rigward tal-hames aggravju, hu ovvju li l-projbizzjoni ta' pussess tal-ghasafar in kwistjoni hu wiehed assolut u sta ghall-appellant li jipprova li l-ghasafar in kwistjoni kienu importati b' mod legittimu jew li l-ghasafar kienu imrobbija fil-maqful jew li kienu registrati mad-Dipartiment skond il-paragrafu (5) tar-regolament 17 tal-AL 146/93 u l-istess japplika ghall-importazzjoni tal-ghasafar sakemm l-appellant ma jipprovax li dawk l-ghasafar kienu importati b' mod legittmu jew li kienu imrobbija fil-maghluq . Din il-prova l-appellant ma ghamilhiex u proprju jirrizulta l-kuntrarju. Ghalhekk anki din il-parti tat-tielet imputazzjoni tirrizulta.

Ghar-rigward tal-hames aggravju mhux talli ma saritx il-prova li l-esportazzjoni tal-kokki mil-Yemen kienet wahda awtorizzata, imma sahansitra jidher - anki jekk din forsi mhux l-aqwa prova - li t-tajr kollu li kellu l-appellant kien protett u li hemm projbizzjoni li jigi esportat mill-Yemen skond id-dikjarazzjoni tac-Chairman tal-Environment Protection Authority tal-Yemen (Dok. ST5 ). Ghalhekk anki dan l-aggravju qed jigi respint

Ghar-rigward tal-ahhar parti tat-tieni imputazzjoni, u tat-tielet imputazzjoni, pero' jidher li f' kull kaz ikun hemm il-konkors formali jew ideali bejn dawn l-imputazzjonijiet u dawk imsemmija fl-ewwel parti tat-tieni imputazzjoni w ghalhekk mhux il-kaz li tigi erogata piena ukoll ghall-dawn ir-reati stante li l-istess fatt qed jaghti lok ghal diversi imputazzjonijiet differenti. Dan ghalhekk ghandu jkun rifless fil-piena erogata.

Ikkonsidrat;

Dwar is-sitt aggravju, li jirrigwarda l-piena, il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha

tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella"** [14.6.1999] , "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"** [24.4.2003] u ohrajn).

F'dan il-kaz il-piena erogata ghall-ewwel imputazzjoni hija decizament entro l-parametri tal-ligi anzi l-Ewwel Qorti applikat l-aktar piena favorevli ghall-appellant in vista tal-emendi li saru ghall-ligi u li dahlu in vigore f' Lulju, 2005 cioe' fil-mori tal-process. Il-piena erogata ghat-tieni imputazzjoni hija ukoll entro l-parametri legali.

Pero' kemm il-Prosekuzzjoni kif ukol id-difiza ivverbalizzaw li f' dan il-kaz ghandu japplika l-proviso ( c ) tal-artikolu 62 tal-Kap. 37 li jghid testwalment :-

***"Il-pieni imposti b' dan l-artikolu ma ghandhomx jappikaw fil-kaz ta' reat li jkollu x' jaqsam ma' importazzjoni ta' oggetti kontrarjament ghal projbizzjoni jew restrizzjoni meta jkun hemm piena espressament ghal dak ir-reat bil-ligi jew att iehor li jimponi l-projbizzjoni jew restrizzjoni"***

Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Francis Camilleri et."** [4.5.2007] minn din il-Qorti diversament preseduta :-

*"l-imsemmi proviso huwa car u ma jhalli ebda dubju li f' dan il-kaz il-pieni kontemplati fl-artikolu 62 tal-Kap.37 mhumiex applikabbli galadarba l-Avviz Legali 19/1992 u anki l-Avviz Legali 146/1993 jipprovdu espressament ghall-projbizzjoni ta' l-importazzjoni tat-tjur ossia glud in kwistjoni u l-pieni relattivi dwarhom."*

Ghalhekk minkejja li l-appellant instab hati ta' l-ewwel imputazzjoni mhux il-kaz li tigi applikata l-piena kontemplata fil-Kap. 37 u l-Att dwar it-Taxxa dwar il-Valur Mizjud fil-konfront tieghu.

Inoltre ghar-rigward tat-tielet imputazzjoni, peress li bejn din l-imputazzjoni u t-tieni imputazzjoni hemm il-konkors formali jew ideali ghax bl-istess fatt gew kommessi diversi

reati kontemplati f' dispozizzjonijiet diversi tal-ligi, jidher li hu l-kaz li tigi applikata biss il-piena ghat-tieni imputazzjoni. Konsegwentement necessarjament irid ikun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell parzjalment billi tiriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu w fejn ikkundannatu multa ta' hames mitt lira Maltin (LM500) fir-rigward tar-reati kontenuti fl-imputazzjoni numru tnejn, li jikkoncernaw ksur tad-dispozizzjonijiet tal-avviz legali 146/1993 kif ukoll fejn ordnat il-konfiska tal-glud kollha li gew elevati, safejn dawn ghadhom jezistu w tirrevokaha fejn ikkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' hames mija w tnejn u erbghin (LM542) ghall-fini tar-reati kontra l-Ordinanza tad-Dwana dedotti fl-ewwel imputazzjoni, w fejn ikkundannatu ghal multa ta' elf u hames mitt lira (LM1500) imposta fir-rigward tat-tielet imputazzjoni w dan minnhabba l-konkors formali jew ideali bejn it-tieni w t-tielet imputazzjoni. B' kollox ghalhekk il-multa totali hija dik ta' hames mitt lira Maltin (LM500) li, jekk ma jithallsux minnufieh, jigu konvertiti f' mitt jum prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------